# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 15

15 ta' Lulju, 2020

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.40 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 15

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 14 - 9;
15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
15.5 Komunikazzjoni;
15.6 Attivitajiet - Festa Santa Margerita;
15.7 M4.4 (Tieni Sejħa) - Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ;
15.8 DPF - Proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri;
15.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
15.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2020;
15.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu. Hu qal li l-Kunsillier Gauci ma setgħax jkun preżenti għal din il-laqgħa peress li qed xogħol Malta imma qed jingħaqad magħna b'mod virtwali.

## 15 .1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 14 - 9

15.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 14 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn se jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett ta' Triq Sannat, il-Kuntrattur ta tarmak temporanju fil-junction minflok it-trabijiet li kien hemm. Hu ġie nfurmat biex ikompli fuq il-proġett ta' Sannat Junction wara l-festa titulari tal-lokal. Is-Sindku qal li l-bankina bir-rampa biex tkun aċċessibli ta' quddiem l-latrina pubblika, l-berġa u l-għassa tal-Pulizija kellu kritika minn bosta residenti li din setgħet saret aħjar, miegħu qabel il-Kunsillier Bajada. Il-Kunsillier Bajada spjega kif din setgħet saret. Għalhekk il-Kunsill qabel li jkellem lill-Perit u jiltaqgħu on site s-Sindku u l-Kunsillier Bajada biex din tiġi rranġata. Is-Sindku qal li l-Kunsill talab lill-Ministeru għal Għawdex biex isir railing tal-istainless steel għal ma din il-bankina. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill bgħat il-kwotazzjonijiet għal qlugħ u twaħħil tas-siġar tal-palm fil-junction lid-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex għal approvazzjoni tal-ħlas għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel biex tintbgħat talba biex il-Ministeru għal Għawdex jinstalla mountable and removable roundabout flimkien mat-tabelli tas-sinjali tat-traffiku għal Sannat Junction u Triq Sannat biex dawn jiġu nstallati malli l-proġett inkluż il-junction tkun lesta bil-kisi tat-tarmak. Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Perit biex japplika mall-Awtorita' tal-Ippjanar għal DNO rigward quddiem il-Kalkara tal-Ġir. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni li l-Kalkara tal-Ġir għandha bżonn ir-restawr għalhekk hu qal li l-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Gauci qal li jkun aħjar li l-ewwel nitkellmu mas-Supretidendenza Pubblika biex din tiġi protetta. Is-Segretarju Eżekuttiv ta l-parir biex l-ewwel nitkelmu mall-Perit biex wieħed jara x'għandu jsir ovvjament jekk il-Kunsill jakkwista l-fondi neċessarji għal dan ir-restawr. Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie nfurmat minn Transport Malta, li ssa ma aċċettawx li fi Triq Sannat isiru aktar minn zebra crossing waħda dan għaliex fil-Pjazza minn fuq in-naħa tal-każini tal-futbol u tal-banda ser issir oħra meta ser isir il-proġett tal-Pjazza Santa Margerita u huma qalu li waħda hija biżżejjed biex takkomoda lil din it-triq. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Tewma staqsa jekk il-Qasam (Triq it-Tabib Anton Tabone) hux ser jitkompla bit-tarmak. Is-Sindku qal li din taqa' f'idejn il-Ministeru għal Għawdex fejn il-Ministeru ħareġ l-offerta u mill-informazzjoniji li għandu din ġiet awarded. Is-Sindku qal li bħalissa għaddej komunikat mall-Ministru għal Għawdex fejn ser issir Press Conference fuq il-proġett tal-Pjazza Santa Margerita, il-Kunsill għandu jinforma lill-Kunsillieri meta din ser issir biex ikun preżenti. Is-Sindku qal li għandha tiġi nsallata billboard fil-pjazza ma ġenb iz-zuntier

dwar dan il-proġett. Il-Sindku qal li wara dan il-Kunsill jkun jista jiffirma l-agreement mall-Ministeru għal Għawdex għal dan il-proġett li se jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex. Il-Viċi Sindku talbet li ssir laqgħa mall-Perit biex jiġi spjegat dan il-proġett lill-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil.

15.3.2 Is-Sindku semma li Pjazzetta tax-Xelina għandha bżonn li ssir manutensjoni fil-pavimentar tal-mantuċċina. Il-Kunsill qabel ma dan.

15.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li meta ntalbet l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex biex il-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini titkompla bil-konkos il-parti fejn għadu ma sarx, dawn infurmawh li peress li l-istaġun tas-sajf issa beda u biex ma jkunx hemm ostaklu għal min irid jifrekwenta din il-bajja għalissa ser jingħata l-patching f'din it-triq.

15.3.4 Is-Sindku qal lill-Kunsill li qed issir it-tiswija tal-ġibja fil-Ġnien tal-Bidwi biex din timtela bl-ilma biex dan il-ġnien jkun jista jissaqqa kif hu meħtieġ.

## 15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

15.4.1 Ma kien hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 15.5 Komunikazzjoni

15.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
06 ta' Lulju 2020 – GENTILE REMINDER – Cir AKL 2020/071 – LCA Summer BBQ 24/07/2020
26 ta' Ġunju 2020 – Cir AKL 2020/076 – Letter to LC's – VisitMalta Now Celebrstions – 1st July 2020
01 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/077 – Artiklu fuq il-ġurnal – Il-Ħidma tal-Kunsilli Lokali matul il-COVID 19
14 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/78 Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ
13 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/079 – Important notice regarding submission of Health Claims
14 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/080 – Depożitu ta' Muniti – BOV
14 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/81 – Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF4 sa MQF7 – Sponsorship mill-AKL għall-applikanti
14 ta' Lulju 2020 – Cir AKL 2020/082 – MCAST Lulju 20/21 fil-Kunsilli Lokali

15.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li skond SL549.40, nbidlet l-iskeda tal-ġbir tal-iskart domestiku speċjalment dik tal-ħġieġ mill-1 ta' Awwissu 2020, flok il-Ħamis se jibda jinġabar il-Ġimgħa, hu qal li ħa l-inizjattiva biex il-billboards dwar l-ġbir tal-iskart fil-lokalita' li jinsabu fi Triq Palazz Palina, Triq Durell u Triq l-10 ta' Ottubru 1942 ġejjin mibdula skond din l-iskeda l-ġdida.

15.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu talab lill-kumpanija GreenPak biex tippublika flyers biex jitqassmu f'kull dar bl-iskeda l-ġdida tal-ġbir tal-iskart. Huma qalu li għandhom jibgħatu l-boroż il-ħodor għal ġbir tal-iskart riċiklabbli ukoll biex dawn jitqassmu flimkien ma dan il-flyer f'kull residenza tal-lokal.

15.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kittieb Charles Bezzina bgħat imejl fejn infurmana li reġa ppublika l-ktieb bl-isem "Il-Qilla tal-gwerra fuq Għawdex 1940 -1943" fejn f'dan il-ktieb

jisemma' ħafna Ta' Sannat u l-mejtin li mietu f'dan ir-raħal peress li hu l-aktar raħal li ntlaqat fi żmien il-gwerra. Għalhekk informa lill-Kunsill jekk hux interessat li jakkwista kopja ta dan il-ktieb għal prezz ta' 30 euro l-wieħed. Il-Kunsill iddeċieda li jakkwista 10 kopji. Il-Kunsillier Bajada talab lill-Kunsill biex jara jekk hux possibli li ninfurmaw lir-residenti b'dan il-ktieb biex min ikun nteressat jkun jista jgħamel dan billi jikkuntatja lill-Kunsill. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jikkomunika mall-kittieb u fil każ isir avviż fuq il-paġna ta' facebook tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

15.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-DLG bgħat imejl fejn fakkar li skond Direttiva 7/2019 sa Ġunju 2020 il-Kunsill kellu jgħamel Risk Assessment Report fuq il-playing fields fil-lokali. Il-Kunsill qabel li dan isir.

15.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-kumpanija GreenPak bgħatet email biex isir feature dwar l-awareness dwar l-indafa pubblika fil-gżira Għawdxija. Il-kumpanija tixtieq li tuża spazju miftuħ fil-lokalita' u jipparteċipaw fih residenti nteressati mill-lokalita' stess. Il-Kunsill qabel ma din l-inizzjattiva u għandu jkompli jikkomunika mall-kumpanija GreenPak dwar dan.

## 15.6 Attivitajiet - Festa Santa Margerita

15.6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li din is-sena hija waħda straordinarja bil-pandemija tal-COVID-19, u li l-parroċċa għal din is-sena bħala festi esterni ma hu ser torganizza xejn ħlief pellegrinaġġ/purċissjoni bl-istatwa titlulari l-Ħadd tal-ġimgħa tal-festa ta' Santa Margerita. Għalhekk hu qal li wara li talab laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija dwar mistoqsijiet li kellu dwar il-pandemija tal-COVID-19 biex jara jekk hux possibli li jittellgħu attivitajiet rikrejattivi u soċjali fil-ġimgħa tal-festa. Dwar dan kien hemm qbil u anke ntalbet l-għajnuna tal-korp tal-pulizija għal waqt dawn l-attivitajiet. Il-Kunsill ħa ħsieb li jipprova jakkwista l-fondi neċessarji għal dawn l-avvenimenti mill-Ministeru għal Għawdex. Dawn l-attivitajiet ser ikunu jikkonsistu:
Il-Ħamis 23 ta' Lulju – Live bands fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri;
Il-Ġimgħa 24 ta' Lulju – Live bands fi Pjazza Santa Margerita;
Is-Sibt 25 ta' Lulju – Marċ mill-banda minn nofs il-parti t'isfel ta' Triq Ta' Ċenċ għal Pjazza Santa Margerita,
Il-Ħadd 26 ta' Lulju – Marċ mill-banda minn Pjazzetta tax-Xelina, Triq Dun Xand Aquilina u Pjazza Santa Margerita.
Il-Kunsill għandu jaħseb għall-istage, sound system, dwal eċċ.

## 15.7 M4.4 (Tieni Sejħa) - Restawr ta' ħitan tas-sejjieħ

15.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv nfurmaħ b'permezz ta' imejl li l-Kunsill wara li kien applika biex jiġu rrestawrati aktar ħitan tas-sejjieħ, il-Kunsill ibbenefika minn din l-applikazzjoni. Il-Kunsill kien applika fuq ħitan tas-sejjeħ fi Triq Saguna u Triq tal-Gruwa. B'hekk il-Kunsill ibbenefika minn buġit eleġibli ta' €82,918.95 (VAT inkluż), 80% €66,335.16 mill-European Agricultural Fund for Rural Development u l-20% €16,583.79 mill-fondi tal-Kunsill li dawn jista japplika għalihom mill-fond ta' ko-finanzjament mid-DLG. Il-Kunsill għandu jiġi mistieden biex jiffirma dan il-kuntratt. B'hekk il-Kunsill għandu jinforma lill-Perit biex b'hekk jiġu ppreparati d-dokumenti għall-offerta għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 15.8 DPF - Proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri

15.8.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li l-proġett ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri li l-Kunsill kien ibbenefika l-fondi mid-DPF (Awtortita' tal-Ippjanar) biex din il-pjazzetta tiġi msebħa, dan il-proġett mistenni li jibda dritt wara li tkun lesta Triq Sannat. Is-Sindku ssuġerixxa lill-Kunsill biex il-pjazzetta fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri tinbidel f'isem Triq Mro. Vincenzo Caruana Spiteri kif jixraq meta fiha jinsab il-monument tiegħu u Triq Vincenzo Caruana Spiteri tingħata l-isem Triq Montefiascone ma minn hu ġġemellat il-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill u għalhekk għandu jsir komunikat mall-Kumitat tal-ismijiet tat-Toroq f'Għawdex.

## 15.9 Ilmenti u Suġġerimenti

15.9.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn staqsiet jekk hux permess li jsiru BBQ's u Camping f' Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill wieġeb lill-din il-persuna u nfurmha li Mġarr ix-Xini mhux camping site.

15.9.2 Ħaddiem tal-*roads section* tal-Ministeru għall-Għawdex bagħat imejl lil kuntrattur li għamel Triq Sannat fejn infurmah b' nuqqasijiet li huma ta' periklu għas-sewwieqa li jiffrekwentaw Triq Sannat. Huwa talab biex jirranġa mill-aktar fis possibli il-ħofor u t-trufijiet ta' din it-triq.

15.9.3 Il-Kunsill irċieva imejl mingħad l-*Intervention Team -MGOZ* rigward ħofor fi Triq Palazz Palina. Is-Segretarju bagħat lil WSC fejn talabhom biex din it-triq tiġi rranġata dan peress li f'din it-triq saru diversi xogħolijiet minnhom u dawn ix-xogħolijiet ma sarux kif meħtieġ. Hu qal li W.S.C. kitbu lura fejn infurmawh li dan se jiġi rranġat. Is-Sindku qal li jekk dawn ix-xogħolijiet ma jsirux kif misħoq għandu jikteb lill-korporazzjoni bl-Avukat. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill.

15.9.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward Triq Dun Lazzru Camilleri li għandha bżonn l-manutenzjoni. Dwar dan is-suġġeriment is-Sindku qal li l-Kunsill diġa kellu komunikat mall-Ministeru għal Għawdex fejn din it-triq intalbet biex issir mill-Ministeru.

15.9.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team – MGOZ* rigward Triq ta' Xamgħan li għandha bżonn l-manutenzjoni. Dwar dan is-suġġeriment is-Sindku qal li l-Kunsill diġa kellu komunikat mall-Ministeru għal Għawdex fejn din it-triq intalbet biex issir mill-Ministeru.

15.9.6 Il-Kunsill irċieva imejl bir-ritratti mingħand supervisor mill-Public Cleansing, rigward ħajt li twaqqa fil-bajja ta' Mġarr ix-Xini. Dan il-ħajt twaqqa' mill-kuntrattur waqt li kien qed iżarma mix-xogħilijiet li saru minn Infrustructure Malta. Il-Ministeru għal Għawdex ġie nfurmat b'dan u l-Kuntrattur responsabbli minn dawn ix-xogħolijiet irranġa dawn il-ħsarat illum stess.

15.9.7 Il-Kunsill irċieva talba biex isir shifting ta bozza Nru. 107 fi Triq Dun Luqa biex tiġi spostjata ma arblu ġdid minn ma dak l-qadim li hemm li għandu jitneħħa. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

15.9.8 Is-Sindku qal li ndividwi ġibdulu l-attenzjoni ta' tower crain li jinstab fi Triq Dun Luqa u li dan huwa perikoluż speċjalment bil-lejl. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jinforma b'dan lill-Pulizija.

15.9.9 Il-Kunsill irċieva suġġeriment biex fin-niżla ta' Triq Mġarr ix-Xini, fid-daħliet tagħha jitwaħħlu tabelli Give Wayma dawk no stopping, dan qed jintalab biex jitnaqqas kongestjoni tat-traffiku

f'din it-triq speċjalment fis-sajf. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu l-pariri neċessarji mingħand Transport Malta.

15.9.10 Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġerixxa li mall-ġallerija tal-injam li twaħħlet riċenti jsiru purtieri mat-twieqi tal-ħġieġ biex nnaqsu x-xemx li tidħol f'din il-kamra. Dwar dan kien hemm qbil mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerrixxa li l-bieb tal-berġa u dawk tal-kalkara tal-ġir jnżebgħu.

15.9.11 Is-Sindku qal li persuna minn Triq il-Kbira qrib Triq San Adeodatu talbet biex jsir disabled parking bay. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u għandha ssir talba lill-Transport Malta.

15.9.12 Il-Kunsillier Bajada qal lill-Kunsill li xi residenti talbu biex id-double yellow lines li hemm fi Triq Saguna jitwalu bi 3 metri oħra dan biex ikun hemm traffic flow aħjar. Il-Kunsill qabel ma dan u għandha ssir talba lill-Transport Malta.

## 15.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 7/2020

15.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 7/2020 li kienet intbgħatet permezz ta imejl biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 15.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

15.11.1 Il-laqgħa ntemmet fl-3.40 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Awwissu 2020, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 25 ta' Awwissu, 2020

Philip Vella
Sindku

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv